IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2023/2023 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | I |
| DATA/DATE: | 25 ta' April 2023/25th April 2023 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 40% tal-marki kollha tal-eżami.
Sezzjoni A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet **KOLLHA.** Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 50 marka.
*This paper carries 40% of the global marks of the exam.*
*Section A: Answer **ALL** the following questions. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 50 marks.*

1. Semmi **ŻEWĠ** sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' xkiel fl-iżvilupp tal-fidi fiż-żgħażagħ. (2)
   *Name **TWO** situations that can interfere in the development of faith in young people. (2)*

i. ____________________

ii. ____________________

2. (a) Liema dokument tal-Koncilju Vatikan II jitkellem dwar ir-rispett lejn reliġjonijiet oħra? (1)
   *Which document of the Second Vatican Council speaks about respect for other religions? (1)*

____________________

   (b) Ikteb isem ta' qaddis/a li hu/hi mudell ta' ħajja Nisranija awtentika. (1)
   *Name a saint who is a role model for an authentic Christian life. (1)*

____________________

3. F'liema taqsima tal-Bibbja jinsabu l-erba' Evanġelji? (2)
   *In which section of the Bible are the four Gospels found? (2)*

____________________

4. (a) Min hu l-Awtur ewlieni tal-Bibbja? (1)
   *Who is the main Author of the Bible? (1)*

____________________

   (b) X'messaġġ insibu fil-Bibbja? (1)
   *What message can be found in the Bible? (1)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

5. Semmi **ŻEWĠ** sitwazzjonijiet fejn jidher li qed jirbaħ l-ħażen? (2)
*Name **TWO** situations where evil appears to be winning? (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

6. X'hemm komuni bejn l-verità xjentifika u l-verità reliġjuża? *(2)*
*What is common between scientific truth and religious truth? (2)*

______________________________

______________________________

7. Fit-Tieni rakkont tal-Ħolqien li nsibu f'Ġenesi 2, insibu diversi simboli. Fisser dawn is-simboli:
*In the Second narrative of Creation found in Genesis 2, we find several symbols. Explain the following symbols:*
(a) Is-serp (1)
*(a) The snake (1)*

______________________________

(b) Is-siġra tal-għerf (1)
*(b) The tree of knowledge (1)*

______________________________

8. Ikteb **ŻEWĠ** messaġġi religjużi li jrid iwasslilna l-awtur fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi. (2)
*Write **TWO** religious messages that the author wants to convey in the first chapters of the Genesis. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

9. Fil-ġrajja tal-Eżodu naqraw dwar diversi għeġubijiet li Alla għamel mal-poplu tiegħu. Semmi **TNEJN** minnhom. (2)
*In the Exodus story we read about several wonders that God did for his people. Name **TWO** of them. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

10. (a) Indika ġrajja li turi r-relazzjoni ta' Ġesù mal-Missier. (1)
*(a) Identify an event that shows Jesus' relationship with the Father. (1)*

(b) Semmi ġrajja li turi r-relazzjoni ta' Ġesù mal-midinbin. (1)
*(b) Name an event that shows Jesus' relationship with sinners. (1)*

11. (a) Xi tfisser il-kelma '*parabbola*'? (1)
*(a) What does the word 'parable' mean? (1)*

(b) Semmi parabbola **WAĦDA** li nsibu fl-Evanġelji. (1)
*(b) Name **ONE** parable found in the Gospels. (1)*

12. Ġesù ġabar il-kmandamenti kollha fi tnejn. Liema huma? (2)
*Jesus brought together all the commandments in two. Which are they? (2)*

i.

ii.

13. Ġesù ħalla diversi ħidmiet f'idejn il-Knisja. Semmi **ŻEWĠ** modi kif il-Knisja qiegħda twettaq dawn il-ħidmiet? (2)
*Jesus left several tasks in the hands of the Church. Name **TWO** ways in which the Church is carrying out these tasks? (2)*

i.

ii.

14. X'inhi 'Kolleġġjalità tal-Isqfijiet'? (2)
*What is the 'Collegiality of Bishops'? (2)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

15. Fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù għażel lill-Appostli. Għaliex għamel dan? (2)
*At the beginning of his public life, Jesus chose the Apostles. Why did he do this? (2)*

16. X'wassal biex il-ħajja mgħaġġla tal-lum naqqset l-importanza ta' Alla mill-jum tal-Ħadd? (2)
*What are the causes from today's lifestyle that reduce God's importance from Sundays? (2)*

17. *'Dan hu l-misteru tal-fidi'.* Meta s-saċerdot jgħid dan il-kliem, għal liema misteru jkun qed jirreferi? (2)
*'This is the mystery of faith'. When the priest says these words, what mystery is he referring to? (2)*

18. Liema dnubiet għandu jqerr in-Nisrani? (2)
*Which sins should a Christian confess? (2)*

i. ____________________

ii. ____________________

19. Semmi sagrament li Ġesù waqqaf waqt l-Aħħar Ċena. (2)
*Mention a sacrament that Jesus instituted during the Last Supper. (2)*

20. Liema frażi mill-Kredu tfakkarna li hemm ħajja oħra wara l-mewt? (2)
*Which phrase from the Creed reminds us that there is another life after death? (2)*

21. Skont il-Ġenesi, il-bniedem għandu jkompli jiżviluppa l-ħolqien skont il-pjan ta' Alla. X'jiġri meta l-bniedem iwebbes rasu u jmur kontra dan it-tagħlim? (2)
*According to the Genesis, the human person must continue the development of creation according to God's plan. What happens when the human person is stubborn and goes against this teaching? (2)*

________________________________________

________________________________________

22. X'differenza hemm bejn poligamija u adulterju? (2)
*What is the difference between polygamy and adultery? (2)*

________________________________________

________________________________________

23. Nhar Għid il-Ħamsin, San Pietru ħareġ jipprietka. X'kien il-messaġġ ewlieni tiegħu? (2)
*On Pentecost, Saint Peter went out to preach. What was his main message? (2)*

________________________________________

________________________________________

24. Semmi **ŻEWĠ** Opri tal-Ħniena li n-Nisrani, bħala dixxiplu ta' Ġesù, għandu jgħix. (2)
*Mention **TWO** Works of Mercy that the Christian, as a disciple of Jesus, should live by. (2)*

i. ________________________________________

ii. ________________________________________

25. Il-kuxjenza hija l-leħen ta' Alla fil-bniedem li tiggwidah tul ħajtu. Kif jista' wieħed jibni kuxjenza b'saħħitha? (2)
*Conscience is the voice of God in the human person that guides them throughout their life. How can one build a strong conscience? (2)*

________________________________________

________________________________________

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

Sezzjoni B: Wieġeb dawn il-**ĦAMES** mistoqsijiet billi tikteb paragrafu fuq kull waħda. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.
*Section B: From this section, answer **FIVE** questions by writing a paragraph on each one. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.*

1. Ikteb dwar **TLIETA** mill-effetti li jħalli s-Sagrament tal-Magħmudija fuq min jirċevih. (5)
   *Write about **THREE** of the effects that the Sacrament of Baptism has on those who receive it. (5)*

2. "L-imħabba taf tistabar u tħenn ... kollox tissaporti, l-imħabba ma tintemm qatt." *(1 Kor 13; 4-7)* X'tgħallem il-Knisja dwar l-imħabba fiż-żwieġ? (5)
   *"Love is always patient and kind … Love never gives up, love never comes to an end." (1 Cor 13; 4-7) What does the Church teach about love in marriage? (5)*

3. Ikteb dwar kif in-Nisrani hu mistenni li jilqa' f'ħajtu lil Ġesù bis-serjetà. (5)
*Write about how the Christian is expected to seriously welcome Jesus in their life. (5)*

4. Xi tfisser li l-Knisja hija l-Ġisem Mistiku ta' Ġesù Kristu? (5)
*What is meant with the Church is the Mystical Body of Jesus Christ? (5)*

5. Iddeskrivi **TLIET** ċirkostanzi li jikkawżaw periklu bla bżonn għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem. (5)
*Describe **THREE** circumstances that cause unnecessary danger to human life and health. (5)*

**(Total: 25 marka)** ***(Total: 25 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

Sezzjoni Ċ: Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet **KOLLHA** li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.
*Section C: Read these texts carefully and answer **ALL** the questions that follow. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.*

**1. Ix-xogħol bħala tisħib fil-ħidma ta' Alla l-ħallieq**

Għax Alla meta ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, ordnalu biex jaħkem fuq l-art b'kulma fiha, imexxi d-dinja fis-sewwa u bil-qdusija, u jorbot lilu nnifsu u l-ħolqien kollu ma' Alla, li hu għandu jagħrfu bħala s-Sid li ħalaq kollox. B'hekk jiġri li permezz tal-ħakma tal-bniedem fuq il-ħlejjaq kollha, l-isem ta' Alla jkun tal-għaġeb fl-art kollha".
Id-deskrizzjoni tal-ħolqien, li nsibu fl-ewwel kapitlu tal-Ktieb tal-Ġenesi, hi wkoll, f'ċertu sens, l-ewwel "evanġelju tax-xogħol". Turi x'inhi d-dinjità tax-xogħol: tgħallem li l-bniedem imissu jixbah 'l Alla, li ħalqu, huwa u jaħdem, għax il-bniedem waħdu hu maħluq skont ix-xbieha ta' Alla. Il-bniedem għandu jixbah 'l Alla kemm fix-xogħol u kemm fil-mistrieħ, għax Alla stess ried juri l-ħidma tiegħu fil-ħolqien bħala xogħol u mistrieħ. Il-ħidma ta' Alla fid-dinja tibqa' sejra kif jixhdilna Kristu stess: "Missieri għadu sa issa jaħdem…", jaħdem bil-qawwa tiegħu li ssalva fil-qlub ta' dawk li mill-bidu ddestinahom għall-"mistrieħ" magħqudin miegħu f' "dar Missieru". Għalhekk ix-xogħol tal-bniedem ma jitlobx biss mistrieħ kull "seba' jum", lanqas jista' jkun biss eżerċizzju tas-saħħa tal-bniedem f'ħidma barra minnu; il-bniedem irid iħejji wkoll fih innifsu xi mkien fejn jista' dejjem aktar ikun dak li jmissu jkun skont ir-rieda ta' Alla, biex iħejji ruħu għal dak "il-mistireħ" li Alla għandu merfugħ għall-qaddejja u l-ħbieb tiegħu. (San Ġwanni Pawlu II, Laborem Exercens, 25)

***Work as a Sharing in the Activity of the Creator***

*For man, created to God's image, received a mandate to subject to himself the earth and all that it contains, and to govern the world with justice and holiness; a mandate to relate himself and the totality of things to him who was to be acknowledged as the Lord and Creator of all. Thus, by the subjection of all things to man, the name of God would be wonderful in all the earth.*
*This description of creation, which we find in the very first chapter of the Book of Genesis, is also in a sense the first "gospel of work". For it shows what the dignity of work consists of: it teaches that man ought to imitate God, his Creator, in working, because man alone has the unique characteristic of likeness to God. Man ought to imitate God both in working and also in resting, since God himself wished to present his own creative activity under the form of work and rest. This activity by God in the world always continues, as the words of Christ attest: "My Father is working still...", he works with creative power by sustaining in existence the world that he called into being from nothing, and he works with salvific power in the hearts of those whom from the beginning he has destined for "rest" in union with himself in his "Father's house". Therefore man's work too not only requires a rest every "seventh day", but also cannot consist in the mere exercise of human strength in external action; it must leave room for man to prepare himself, by becoming more and more what in the will of God he ought to be, for the "rest" that the Lord reserves for his servants and friends. (Saint John Paul II, Laborem Exercens, 25)*

(a) Mil-liema enċiklika hija meħuda din is-silta? (3)
*Which encyclical is this passage taken? (3)*

___

(b) X'ordna Alla lill-bnedmin meta ħalaqhom fuq ix-xbieha tiegħu? (3)
*What was the mandate issued by God to the human person when He created them in his image? (3)*

(c) X'inhi d-dinjità tax-xogħol? (3)
*What does the dignity of work entail? (3)*

(d) Il-bniedem, fiex għandu jixbah lil Alla? (3)
*In what way should the human person reflect God? (3)*

(e) Il-Missier għadu sa issa jaħdem. Kif? (3)
*The Father is still working. How? (3)*

**(Total: 15 marka)** ***(Total: 15 marks)***

**2. It-Trasfigurazzjoni**

Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu. Xħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija." Ma kienx jaf x'inhu jgħid. Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba. U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu." (Lq 9, 28-35)

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

***The Transfiguration***

*Jesus took Peter, John and James with him and went up onto a mountain to pray. As he was praying, the appearance of his face changed, and his clothes became as bright as a flash of lightning. The two men who were with him, Moses and Elijah, appeared in glorious splendour, talking with Jesus. They spoke about his departure, which he was about to bring to fulfilment at Jerusalem. Peter and his companions were very sleepy, but remained fully awake, to witness his glory and the two men standing with him. As the men were leaving Jesus, Peter said to him, "Master, it is good for us to be here! Let us put up three shelters, one for you, one for Moses and one for Elijah." He did not know what he was saying. While he was speaking, a cloud appeared and covered them, and they were afraid as they entered the cloud. A voice came from the cloud, saying, "This is my Son, whom I have chosen, listen to him." (Lk 9, 28-35)*

(a) B'liema mod Ġesù tbiddel quddiem l-Appostli? (2)
*In what way did Jesus change in front of the Apostles? (2)*

______________________________________________

(b) Min deher jitħadded ma Ġesù? (2)
*Who appeared talking with Jesus? (2)*

______________________________________________

(c) X'qal Pietru lil Ġesù x'ħin ma kienx jaf x'inhu jgħid? (2)
*What did Peter tell Jesus when he was lost for words? (2)*

______________________________________________

(d) Dwar xiex kienu qiegħdin jitkellmu Ġesù u ż-żewġt irġiel? (2)
*What were Jesus and the two men talking about? (2)*

______________________________________________

(e) Min qal il-kliem: "dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu"? (2)
*Who said the words: "this is my Son whom I have chose, listen to him"? (2)*

______________________________________________

**(Total: 10 marki)** ***(Total: 10 marks)***

Blank Page

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

Blank Page

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2023/2023 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIA |
| DATA/DATE: | 26 ta' April 2023/26th April 2023 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Wieġeb **TLIETA** minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija għandha 50 marka minn total ta' 150.
*This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer* ***EITHER*** *in Maltese* ***OR*** *in English. Answer* ***THREE*** *of these five questions in essay form. Each question carries 50 marks out of a total of 150.*

1. "Aħna għandna bżonn mhux biss tal-ħobż, imma għandna bżonn tal-imħabba, tas-sens u tat-tama, ta' pedament fis-sod, ta' bażi b'saħħitha li tgħinna ngħixu b'sens awtentiku anke fiż-żmien ta' kriżi, ta' dlam, ta' diffikultajiet u problemi fil-ħajja ta' kuljum. Dan hu sewwasew dak li tagħtina l-fidi." (Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali, 24 ta' Ottubru 2012)
   (a) Spjega x'jistgħu jkunu d-diffikultajiet li ż-żgħażagħ jiltaqgħu magħhom biex ikunu jistgħu jgħixu il-fidi tagħhom. (12)
   (b) B'referenza għal **TNEJN** mir-Reliġjonijiet mhux Insara, uri kif dawn jgħinu lill-bniedem iwieġeb għall-mistoqsijiet il-kbar marbuta mad-destin aħħari tiegħu. (14)
   (ċ) Bħala żagħżugħ/a spjega:
      (i) Metafora li turi kif ir-Reliġjon tgħinek fi żmien ta' kriżi, ta' dlam, ta' diffikultajiet u problemi u biex tkun Nisrani/ja awtentiku/a. (10)
      (ii) Kif inti stess tista' tkun ta' mudell ta' fidi għal żgħażagħ bħalek. (14)

   *"We do not only need bread, we need love, meaning and hope, a sound foundation, a solid terrain that helps us to live with an authentic meaning even in times of crisis, in darkness, in difficulty, and with our daily problems. Faith gives us precisely this."* (Pope Benedict XVI, Gereral Audience, 24th October 2012)
   *(a) Explain what difficulties a young person might encounter in order to live their faith. (12)*
   *(b) With reference to* ***TWO*** *non-Christian Religions, show how they help the human person answer the big questions related to their ultimate destiny. (14)*
   *(c) As a young person explain:*
      *(i) A metaphor that shows how Religion can help you in a time of crisis, of darkness, of difficulties and problems, and to be an authentic Christian. (10)*
      *(ii) How you can be a model of faith for young people like yourself. (14)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2. *"Fil-bini tal-ġisem ta' Kristu hemm ukoll membri differenti u ħidmiet differenti. Wieħed iżda huwa l-Ispirtu li għall-ġid tal-Knisja jqassam l-għotjiet differenti tiegħu skont il-għana tiegħu u l-ħtieġa tal-ministeri."* (Lumen Gentium, par. 7)
   (a) Iddeskrivi dak li ġara nhar Għid il-Ħamsin. (10)
   (b) Fisser:
      (i) Għaliex San Pawl xebbah lill-Knisja ma' ġisem ħaj? (12)
      (ii) X'inhuma l-karizmi differenti li nsibu fil-Knisja. (16)
   (ċ) Il-Knisja, kif ghandha tkompli taħdem biex ikun hemm aktar għaqda bejn il-Knejjes Insara? (12)

   *"In the building up of Christ's Body various members and functions have their part to play. There is only one Spirit who, according to His own richness and the needs of the ministries, gives His different gifts for the welfare of the Church." (Lumen Gentium, par. 7)*
   *(a) Describe what happened on Pentecost. (10)*
   *(b) Explain:*
      *(i) Why did Saint Paul compare the Church to a living body? (12)*
      *(ii) The different charisms that we find in the Church. (16)*
   *(c) How should the Church continue to work to strengthen the unity amongst the Christian Churches? (12)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

3. "Kristu, mhux biss jitkellem fuq il-ħniena u jfissirha permezz ta' paraguni u parabboli, iżda fuq kollox jinkarnaha fih innifsu u b'xi mod ilibbisha persuntu, għax hu, b'xi mod, hu l-ħniena fiha nfisha." (San Ġwanni Pawlu II*, Dives in Misericordia,* par. 2)
   (a) Iddeskrivi **ŻEWĠ** okkażjonijiet fejn Ġesù ltaqa' mal-midinbin u ħafrilhom. (12)
   (b) Għaliex taħseb li l-bnedmin għandom bżonn il-maħfra? (12)
   (ċ) Ġesù feda l-ministeru tal-maħfra f'idejn il-Knisja.
      (i) Għaliex is-Sagrament tal-Qrar hu msejjaħ ukoll bħala Sagrament tal-Penitenza u Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni? (10)
      (ii) In-Nisrani kif għandu jwieġeb lil min jgħid li għalih hu biżżejjed li jistqarr dnubietu u jitlob maħfra quddiem kurċifiss? (16)

   *"Christ, does not only speak of mercy and explain it by the use of comparisons and parables, but above all he himself makes it incarnate and personifies it. He Himself, in a certain sense, is mercy."* (St John Paul II, Dives in Misericordia, par. 2)
   *(a) Describe **TWO** occasions when Jesus met sinners and forgave them. (12)*
   *(b) Why do you think that the human person needs forgiveness? (12)*
   *(c) Jesus entrusted the ministry of forgiveness in the hands of the Church.*
      *(i) Why is the Sacrament of Confession also called the Sacrament of Penance and the Sacrament of Reconciliation? (10)*
      *(ii) How should the Christian respond to those who say that it is enough for them to confess their sins and ask for forgiveness in front of a crucifix? (16)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

4. "Quddiem il-kobor bla qies tal-univers, il-bniedem hu ħaġa żgħira, iżda proprju minn dan il-kuntrast joħroġ il-kobor tal-bniedem: 'Ftit inqas mill-anġli (iżda nistgħu ngħidu wkoll "ftit inqas minn Alla") għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu' (Salm 8,5)." (San Ġwanni Pawlu II, *Evangelium Vitae, par. 35)*
   (a) X'tagħlim insibu:
      (i) Fit-Testment il-Qadim dwar il-valur tal-ħajja? (10)
      (ii) Fil-persuna, fil-ħidma u t-tagħlim ta' Ġesù dwar il-qdusija tal-ħajja? (15)
   (b) Qegħdin ngħixu fiż-żmien meta kulħadd huwa mħasseb għal-ħajja, u qed jibża' li jmut qabel ma jkun jista' jgawdi s-sabiħ tal-ħajja.
   X'parir tagħti lil xi ħadd li beħsiebu jikser il-ħames kmandament? (15)
   (ċ) X'parir tagħti lil dawk iżgħar minnek biex iħarsu l-ħajja tagħhom u l-ħajja ta' dawk li jkunu fil-kumpanija tagħhom? (10)

*"Compared to the immensity of the universe, man is very small, and yet this very contrast reveals his greatness: 'You have made him little less than a god, and crown him with glory and honour' (Ps 8, 5)."* (St John Paul II, Evangelium Vitae, par. 35)
*(a) What teaching do we find:*
*(i) In the Old Testament about the value of life? (10)*
*(ii) In the person, in the work and teaching of Jesus about the sacredness of life? (15)*
*(b) We are living in a time when everyone is concerned for life, being fearful of dying before being able to enjoy the beauty of life.*
*What advice would you give to someone who plans to break the fifth commandment?(15)*
*(c) What advice would you give to younger people on how to protect their lives and the lives of those around them? (10)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

5. "Alla li nebbaħ, u għalhekk hu l-awtur taż-żewġ Testmenti, ried li t-Testment il-Ġdid ikun moħbi fil-Qadim, waqt li l-Qadim joħroġ bid-dieher fil-Ġdid." (*Dei Verbum*, 16)
   (a) Il-Bibbja hi mnebbħa minn Alla nnifsu. Xi jfisser dan it-tagħlim? (15)
   (b) Għaliex il-bnedmin li kitbu l-Bibbja huma meqjusa wkoll bħala awturi sagri? (15)
   (ċ) Spjega l-**ERBA'** regoli li għandna nżommu f'moħħna meta ninterpretaw il-Kotba Mqaddsa.(20)

*"God, the inspirer and author of both Testaments, wisely arranged that the New Testament be hidden in the Old and the Old be made manifest in the New."*
*(a) The Bible is inspired by God himself. What does this mean? (15)*
*(b) Why are the humans who wrote the Bible also considered sacred authors? (15)*
*(c) Explain the **FOUR** rules we have to keep in mind when interpreting the Sacred Scripture. (20)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2023/2023 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIB |
| DATA/DATE: | 26 ta' April 2023/26th April 2023 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Wieġeb **GĦAXRA** minn dawn l-erbatax-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija għandha 15-il marka minn total ta' 150.
*This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. Answer **TEN** from these fourteen questions in paragraph form. Each question carries 15 marks out of a total of 150.*

1. Għaliex ir-reliġjon hija importanti għall-ħajja tal-bniedem?
*Why is religion important to the life of the human person?*

2. Għaliex in-Nisrani jemmen li l-Bibbja hija:
(a) imnebbħa minn Alla, u; (7)
(b) ġabra ta' kotba bla żbalji? (8)
*Why does the Christian believe that the Bible is:*
*(a) inspired by God, and; (7)*
*(b) a collection of books without errors? (8)*

3. Adam u Eva ma obdewx il-kmand t'Alla.
Permezz ta' **TLIET** eżempji konkreti, spjega kif il-bnedmin għadhom imorru kontra l-kmand ta' Alla.
*Adam and Eve did not obey God's command.*
*With the use of **THREE** concrete examples, explain how the human person still goes against God's command.*

4. Irrakkonta fi kliemek il-ġrajja ta' meta Alla sejjaħ lil Mosè u bagħtu lura lejn l-Eġittu.
*Narrate in your own words the story of when God called Moses and sent him back to Egypt.*

5. Ġesù ġie fid-dinja biex iwasslilna l-Bxara t-Tajba.
Għaliex għandna naqraw u nisimgħu l-messaġġ ta' Ġesù?
*Jesus came to Earth to bring the Good News.*
*Why should we read and listen to Jesus' message?*

6. Ġesù kien bniedem, imma kien ukoll Alla.
Ikteb dwar **TLIET** kwalitajiet umani li naraw f'Ġesù.
*Jesus was human, but he was also God.*
*Write about **THREE** human qualities that can be seen in Jesus.*

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

7. Issib min jistqarr: "iva għal Kristu, imma le għall-Knisja".
In-Nisrani jista' jilqa' l-messaġġ ta' Kristu u ma jaqbilx ma' dak li tgħallem il-Knisja? Spjega.
*There are those who say: "yes for Christ, but no to the Church".*
Can the Christian accept Christ's message and disagree with what the Church teaches? Explain.

8. Lejliet il-festa tal-Milied, l-familja Abdilla ftiehmu li jmorru l-Knisja u jqerru bi preparazzjoni għall-quddies tat-twelid ta' Ġesù Bambin. It-tifel il-kbir, Jesmond, qabad jargumenta li ma ħassx li għandu bżonn imur magħhom iqerr. Għalih, il-qrar m'għadux jagħmel sens. Ma jħossux komdu jmur jistqarr in-nuqqasijiet tiegħu mas-saċerdot.
X'inhuma r-reazzjonijiet tiegħek għal dan ir-raġunament fid-dawl tat-tagħlim tal-Knisja dwar is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?
*On Christmas eve, the Abdilla family agreed to go to Church and pray in preparation for the mass of the birth of Jesus. The eldest son, Jesmond, started to argue that he didn't feel the need to go with them. For him, confession no longer makes sense. He does not feel comfortable confessing his shortcomings to a priest.*
*What are your reactions to this reasoning in light of the Church's teaching on the Sacrament of Reconciliation?*

9. (a) Irrakonta l-ġrajja tal-Aħħar Ċena ta' Ġesù mal-Appostli. (10)
(b) Waqt l-aħħar ikla mal-Appostli, Ġesù jistqarr li 's-siegħa tiegħu' waslet. X'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem? (5)
*(a) Describe the event of Jesus' Last Supper with the Apostles. (10)*
*(b) During the last supper with the Apostles, Jesus declares that 'his hour' has come. What did Jesus mean by these words? (5)*

10. "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu. Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu …" (Mt 6, 19-20).
(a) X'atteġġjament irid ikollna lejn il-flus? (5)
(b) Liema huwa l-ogħla u l-ikbar suċċess li għandu jaħdem għalih in-Nisrani? (5)
(ċ) Għaliex ngħidu li Ġesù kiseb l-ogħla suċċess? (5)
*"Do not store up treasures for yourselves on earth, where moth and woodworm destroy them and thieves can break in and steal. But store up treasures for yourselves in heaven, where neither moth nor woodworm destroys them and thieves cannot break in and steal..." (Mt 6, 19-20).*
*(a) What attitude must we have towards money? (5)*
*(b) What is the highest and greatest success the Christian should strive for? (5)*
*(c) Why do we say that Jesus achieved the highest success? (5)*

11. Fisser **TLIETA** mid-Dommi ta' fidi li l-Knisja pproklamat dwar Marija.
*Explain **THREE** of the Dogmas of faith that the Church proclaimed about Mary.*

12. Grupp ta' studenti ddeċidew li jorganizzaw *'Clean Up'* day fiż-żona rurali tal-Manikata, fejn ġabru għadd ta' skart li xi persuni irresponsabbli rmew fl-inħawi. Ġabru bosta affarijiet fosthom flixken tal-plastik, ħġieġ, boroż tal-karti, siġġu mkisser u saħansitra saqqu mqatta'.
(a) X'tikkummenta fuq l-attitudni negattiva ta' min iħammeġ l-ambjent naturali? (3)
(b) X'inhu l-ħsieb tal-Bibbja dwar l-ambjent naturali? (3)
(ċ) Kif jista' n-Nisrani juri rispett lejn l-ambjent naturali? Semmi **TLIET** eżempji. (9)

*A group of students decided to organize a Clean Up day in the rural area of Manikata, from where they collected the waste that some irresponsible people left in the area. They collected many things including plastic bottles, glass, paper bags, a broken chair and even a torn mattress.*

*(a) What is your comment on the negative attitude of those who pollute the natural environment? (3)*

*(b) What is the Bible's rationale about the natural environment? (3)*

*(c) How can the Christian show respect towards the natural environment? Name* ***THREE*** *examples. (9)*

13. Spjega fid-dettall **TLIET** għanijiet li skont il-ħsieb Nisrani, għandu jkollu x-xogħol.
*Explain in detail* ***THREE*** *objectives that, according to Christian thinking, work should have.*

14. L-għaqda bejn il-miżżewġin għandha tkun mibnija fuq il-għaqda ta' Kristu mal-Knisja tiegħu. Xi tfisser il-Knisja meta tgħallem:
(a) li ż-żwieġ għandu jkun 'indissolubbli', u; (7)
(b) li bejn il-miżżewġin għandu jkun hemm 'fedeltà' sħiħa? (8)
*The union between those who are married should be built on the union of Christ with his Church.*
*What does the Church mean when it teaches:*
*(a) that marriage must be 'indissoluble', and; (7)*
*(b) that there should be complete 'faithfulness' between the spouses? (8)*